Q O R T I   T A L - A P P E L L  K R I M I N A L I

Onor. Imhallef Joseph G. Galea Debono B.A. ,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 27 TA' GUNJU , 2002.

APPELL NRU. 99/2002 JGD

IL-PULIZIJA .

(Supt. B. Mula)

vs

BENJAMIN MUSCAT.

Il-Qorti ,

Rat l-imptazzjonijiet dedotti kontra l-imputat appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali u cioe' talli b'diversi atti , maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda , f' San Pawl il-Bahar , fil-lejl ta' bejn it-31.10.1999 u l-1.11.1999 bhala l-persuna li jiggestixxi l-fond u cioe' Palazzo Pescatore Bar & Restaurant ,(a) bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja tieghu halla jew xort' ohra ppermetta li jigi organizzat Rave Party minn Ashley Attard fil-fond imsemmi minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija ; (b) talli fl-istess dati ,lok hin u cirkostanzi ikkommetta diversi reati elenkati fil-komparixxi bl-ittri (b) sa (h). bit-talba tal-Prosekuzzjoni biex jitnehha l-inkonvenjent u biex issehh is-sospensjoni jew thassir jew skwalifika tal-appellant milli jzomm jew jikseb xi licenzja .

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ( Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'April, 2002 li biha iddikjarat l-akkkuzi (b) (c) (d) u (e) preskritti , sabet lill-imputat appellant hati u wara li rat ir-Regolamenti 22(1) G.N. 392 tal-1929 , G.N. 846/1949 kif emendat , l-artikoli 338 (gg) tal-Kap.9 u l-Art. 128 , 41(b) u 319 , Kap.10 u 181 tal-Kap.9 , ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' LM25 fuq l-akkuzi a, f, g, u h u ,ai termini tal-art. 321 tal-kap.10 skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jottjeni xi licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena minn dak in-nhar .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant tat-6 ta' Mejju , 2002 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-istess imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena skond il-ligi .

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess -27 ta' Gunju , 2002 , li bih giet sollevata il-kwistjoni tan-nullita' tal-appell ghax peress li l-appellant kien gie liberat minn erba imputazzjonijiet li gew dikjarati preskritti u instab hati biss ta' erba imputazzjonijiet ohra u cioe' dawk indikati bl-ittri a, f, g u h fil-komparixxi , immissha intalbet ir-riforma u mhux ir-revoka tas-sentenza appellata .

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar din in-nullita' .

Ikkonsidrat ,

li hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn f'cirkostanzi identici , dejjem giet dikjarata in-nullita' tal-appell , liema nullita' hija sollevabbli "ex officio" ghaliex dejjem gie ritenut li , meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza , izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null .

Illi f'dan il-kaz gara proprju li l-appellant kien gie liberat minn erba imputazzjonijiet minhabba l-preskrizzjoni li l-Qorti fis-sentenza appellata semmiet li nghatat din il-liberazzjoni b'digriet tal-14 ta' Marzu 2000, liema digriet pero' mhux inseriet fil-process, u ghalhekk id-dikjarazzjoni tal-liberazzjoni minhabba preskrizzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hija propju fis-sentenza appellata, u misjub hati ta' erba ohra u ghalhekk ovvjament riedet tintalab ir-riforma u mhux ir-revoka tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara n-nullita' tal-appell u tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, b'dana li kull periodu ta' sospensjoni tal-licenzji jibda jiddekorri mill-lum.

Joseph Galea Debono . 27.6.02.